# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 579/2016 PM1**

**Erremme Business Advisors Limited**
**(C 30153)**

**Vs**

**Geras Care Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Dicembru, 2016 illi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef hames mitt ewro (€3500) rapprezentanti bilanc ta' drittijiet ghal servizzi rezi lilha mill-istess socjeta` attrici bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta datata 16 ta' Frar, 2017 permezz ta' liema s-socjeta` konvenuta eccepiet illi l-ammont pretiz m'huwiex dovut.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici datata wkoll 16 ta' Frar, 2017 li biha gew ezebiti l-affidavit ta' Reuben Buttigieg u l-affidavit ta' Cecilia Theuma.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess affidavits rispettivi inkluza l-fattura mahruga mis-socjeta' attrici (ezebita a fol. 33 tal-process).

Ra li fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2017 Dr. Keith Bonnici iddikjara illi, stante l-prezentata tal-affidavits surreferiti, is-socjeta' attrici ma kellhiex provi x'tipproduci a sostenn tal-eccezzjoni taghha.

Ra li fl-istess seduta l-kawza odjerna giet differita ghal-lum ghall-ghoti tas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi minkejja r-risposta taghha permezz ta' liema s-socjeta' konvenuta eccepiet generikament li l-ammont pretiz m'huwiex dovut, l-istess socjeta' konvenuta ghazlet li ma tressaq ebda provi wara li hadet konjizzjoni tal-affidavits imressqin mis-socjeta' attrici a sostenn tat-talba.

Illi minn tali affidavits jirrizulta car li l-ammont mitlub huwa dovut mis-socjeta' konvenuta u li c-cekkijiet mahrugin mill-beneficjarji tas-socjeta' konvenuta ma kenux relatati man-negozju odjern koncernanti it-tfassil ta' 'business plan' fir-rigward ta' progett ta' dar tal-anzjani pjanata mill-istess socjeta` konvenuta imma ma' thejjija ta' 'business plan' iehor maghmul ukoll mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta` J Gaff Service Station Limited proprjeta` tal-istess beneficjarji.

Illi ghaldaqstant mill-istess affidavits jirrizulta car li l-bilanc mitlub ghadu dovut mis-socjeta' konvenuta u tali verzjoni ma giet bl-ebda mod kontraddetta mis-socjeta' konvenuta.

Illi ghaldaqstant il-verzjoni tas-socjeta' attrici tisthoqq li tigi emmnuta u t-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba kif dedotta tenut ukoll kont tal-fatt li n-negozju huwa wiehed ta' natura kummercjali ai fini tal-art. 1141 tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jilqa' it-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3500) rapprezentanti bilanc ta' drittijiet ghal servizzi rezi lilha mis-socjeta' attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mis-sebgha (7) ta' Frar, elfejn u sbatax (2017) data tal-fattura mahruga mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**